# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar It-Tnejn 31 t'Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 20**

**Rikors Numru : 1201/2013 JPG**

**Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd (C933)**

**VS**

**Rainbowmix Concrete Limited (C6763)**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd, tat-18 ta' Dicembru 2013 (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk:

1. *Peress illi s-socjeta' rikorrenti, li bhala xoghol timporta u tbiegh il-hadid, bieghhet merkanzija bil-gross on credit lis-socjeta intimata Rainbowmix Concrete Limited [C 6763) ta' 'Wied Incita', Rabat Road, Attard fuq medda ta' zmien.*

2. *Peress illi s-socjeta intimata fadlilha debitu pendenti ammontanti ghall-valur komplessiv ta' mija u hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€125,721.71);*

3. *Peress illi s-socjeta intimata waqghet lura fil-pagamenti u fil-fatt, saru diversi laqghat bejn ir-rapprezentanti taz-zewg socjetajiet rispettivi sabiex tinstab soluzzjoni dwar dan id-debitu pendenti, izda minkejja diversi konfermi tal-*

*ammont dovut, kif ukoll weghdiet li ser ihallsu dan l-ammont, ma kien hemm l-ebda pagamenti u d-debitu fl-ammont fuq indikat baqa' pendenti;*

4. *Peress illi recentement, is-socjeta rikorrenti wkollipprezentat ittra ufficjali numerata 2560/13 kontra s-socjeta intimata permezz ta' liema din tal-ahhar giet interpellata ghall-hlas tal-ammont fuq imsemmi, kopja ta' liema hija annessa mar-rikors odjern u mmarkata **Dok RCL 1**;*

5. *Peress illi d-dejn dovut lis-socjeta rikorrenti mis-socjeta intimata ghadu sa lum ma thallasx u llum, il-bilanc pendenti dovut mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti jammonta ghas-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€125,721.71);*

6. *Peress illi dan id-debitu tas-socjeta intimata fil-konfront tas-socjeta rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma tas-socjeta rirkorrenti, is-socjeta intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti.*

*Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta'mija u hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€125,721.71), oltre imghax legali mill-1 ta' Frar 2009 sa d-data tal-pagament effettiv u spejjez legali;*

2. *Tikkundanna lis-socjeta intimata ghall-hlas tal-ammont imsemmi ta' €125,721.71, oltre imghax legali sa d-data tal-pagament effettiv u spejjez legali;*

3. *Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni, inkluzi dawk tal-proceduri odjerni, tal-ittra ufficjali numru 2560/13 tas-26 ta' Awissu 2013 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-att."*

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Rainbowmix Concrete Limited (C6763) tal-31 ta' Jannar 2014 (a fol. 14 et seq.) li taqra hekk:

I. *ILLI, in linea preliminari, minkejja li l-kumpannija attrici giet ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, waqt is-seduta ta-16 ta'Jannar 2014, sabiex tipprezenta rendikont, flimkien ma' dokumentazzjoni ohra in sostenn tal-pretensjoni taghha fl-ammont ta' €125,721.71 kif dedotta fir-rikors guramentat promutorju tal-kawza, il-kumpannija esponenti giet notifikata biss bin-nota tal-istess kumpannija attrici tal-21 ta' Jannar 2014 - u mhux ukoll bid-dokumenti annessi maghha - u ghaldaqstant, billi l-istess kumpannija esponent ghadha sallum ma tafx f'hiex tikkonsisti ezattament l-istess imsemmija pretensjoni, qed tirrizerva minn issa li tipprezenta risposta guramentata ulterjuri jekk ikun il-kaz;*

II. *ILLI jispetta unikament lill-kumpannija attrici illi tressaq prova cara u skond il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, a favur tal-kumpannija esponenti, a tenur, inter alia, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta);*

III. *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-kumpannija attrici huwa eccessiv, billl jikkomprendi fih imghaxijiet li gew ikkalkulati hazin, u imghaxijiet fuq imghaxijiet, u dan, fost ohrajn, tenut kont tal-fatt illi l-istess kumpannija attrici qed titlob, permezz tar-rikors guramentat promutorju taghha, imghaxijiet fuq is-somma intiera ta' €125,721.71 b'effett mill-1 ta' Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv;*

IV. *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' €125,721.71 mitlub mill-kumpanija attrici fir-rikors guramentat promutorju taghha huwa eccessiv billi l-kumpannija esponenti ghamlet diversi pagamenti akkont tax-xiri ta' hadid li hija ghamlet minghand il-kumpannija attrici, fosthom dak ta' €55,000 nhar il-31 ta'Mejju 2011 (**DOK: A**), li l-istess kumpannija attrici allokat lil negozju*

*iehor li sar bejn il-kontendenti, b'mod arbitrarju u minghajr l-awtorizzazzjoni tal-kumpannija esponenti;*

V. *ILLI,minghajr pregudizzju ghas-suespost,it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi, fost ohrajn, m'huwiex minnu li l-kumpanija esponenti hija debitrici tal-kumpanija attrici fl-ammont indikat fir-rikors guramentat promotorju taghha;*

VI. *Salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tal-16 ta Jannar 2014 (a fol 10)

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd tat-28 ta' Lulju 2016;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat**

**James Camilleri** xehed permezz ta' affidavit a fol 22 – 23 illi huwa direttur manigerjali fi hdan is-socjeta rikorrenti li timporta u tipproduci *iron rods* u *mesh* ghall-industrija tal-bini u tforni lil diversi kumpaniji, il-maggior parti fuq bazi ta' kreditu ta' tletin gurnata massimu. Spjega illi s-socjeta rikorrenti tforni lis-socjeta ntimata b'*iron rods* u *mesh* u sa mill-bidu tan-negozju kienet dejjem tahdem b'sistema ta' kreditu, fejn xi drabi hallset fil-hin u xi drabi talbet iktar hin ghall-hlas, izda fl-ahhar, mill-ahhar dejjem kienet issalda id-debiti taghha. Pero gara illi s-socjeta ntimata bdiet taqa' lura fil-pagamenti b'dana li s-socjeta ntimata dejjem kienet tassigurahom illi l-hlas kien ser jasal.

Camilleri sostna illi fl-2009 wara diskussjonijiet mas-socjeta ntimata, kien gie deciz li jibdew jinzammu l-imghax bir-rata ta' 7% fis-sena, fuq l-ammont pendenti li, fl-1 ta' Jannar 2009 li kien fl-ammont ta' €102,297.75. L-imghax bir-rata ta' 7% baqa' jigi addebitat sa April 2011 ghaliex fl-istess sena is-socjeta rikorrenti kienet bieghet lis-

socjeta ntimata *tower crane* u f'Mejju 2011 kien sar pagament mis-socjeta ntimata ta' €55,000 li kienu gew debitati kontra l-bilanc tat-*tower crane* li kien jammonta ghal €33,775.91 sabiex jinqata' l-kreditu dovut ghalih. Ir-rimanti somma ta' €21,224.09 kienet giet debitata kontra l-bilanc pendenti mis-socjeta ntimata ghal merkanzija fornita lilha.

Ikkonferma illi s-socjeta ntimata riedet illi l-ammont shih ta' €55,000 jigi debitat kontra l-bilanc dovut ghall-merkanzija mixtrija minnha peress illi fuq dan il-bilanc kienet qed thallas l-imghax bis-7% u fuq il-bilanc dovut ghat-*tower crane* ma kienetx qed thallas imghax, izda dan ma giex accettat mis-socjeta rikorrenti. Ghalhekk, minflok gie miftiehem illi minn Mejju 'l quddiem ir-rata ta' imghax tinsel ghal 6% minflok 7%. Huwa kkonferma wkoll illi l-ammont dovut sa' Ottubru 2013 kien ta' €125,721 u l-imghax kellu jibda jiddekorri mill-1 ta' Novembru 2013 'l quddiem.

**In kontro-ezami** a fol 117 – 129 xehed illi s-socjeta rikorrenti normalment ma timponix imghaxijiet sakemm il-kreditu jigi saldat fi zmien ragonevoli, u cioe generalment fi zmien sena. Xehed ukoll illi s-socjeta rikorrenti qatt ma nponiet imghax minghajr ma tkellmet mal-klijent. Qal illi mas-socjeta ntimata minn dejjem kien hemm problemi rigward hlas, izda hu kien dejjem jipprova jghinu u ma jafsux. Irrizulta pero illi diga kellhom kawzi ohrajn il-Qorti mas-socjeta intimate, tant illi s-socjeta rikorrenti kienet hadet appartament bhala tpacija akkont tal-prezz. Ikkonferma illi meta gie deciz li jibda jigi impost imghax bir-rata ta' 7% dan kien sehh fi l-laqgha li saret fl-2009 proprju ma' Mark Aquilina. Camilleri xehed li sa fejn jaf hu, dan il-ftehim kien sar bil-kitba.

Rigward it-*tower crane* xehed illi Aquilina qatt ma qallu li t-*tower crane* mhux qed jintuza ghaliex ma setghax jintuza. Xehed ukoll illi l-ammont li nqata' mis-somma dovuta ghal-*crane* kien inqata' bi ftehim mas-socjeta ntimata peress illi fuq il-bilanc dovut ghal *crane* ma kienux qed jigu mposti interessi u filfatt l-ircevuta inharget espressament ghall-*crane*. Ikkonferma wkoll illi mis-17 ta' Mejju 2007, u cioe minn meta kien gie ffirmat il-ftehim rigward it-*tower crane*, **Aquilina qatt ma kienu kellmu jew ilmenta dwar il-*crane*,** u ghalhekk huwa assuma li ma kienx hemm problemi. Xehed illi anzi Aquilina kien informah illi kien mar u ha kollox rigward il-*crane*, mill-ewwel meta sar l-ftehim.

**In ri-ezami** a fol 130 – 133 xehed illi s-socjeta ntimata kienet intrabtet illi taghti lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' circa €100,000 mill-bejgh ta' appartament li s-socjeta rikorrenti kellha ipoteka fuqu izda Aquilina kien avvicinah **u talbu biex ma johodlux il-flus kollha biex ikun jista' jahdem u ghalhekk kienu ftiehmu li s-socjeta rikorrenti tiehu biss is-somma ta' €55,000 minn dak il-bejgh.**

Permezz ta' **nota guramentata** a fol 134 ikkonferma illi fuq is-somma dovuta ghall-bejgh tat-*tower crane* ma gie mitlub, mizmum u mhallas **ebda imghaxi.**

**Colin Bowman** xehed permezz ta' affidavit a fol 24 – 25 illi huwa jokkupa l-kariga ta' direttur fis-socjeta rikorrenti u ilu responsabbli ghat-taqsima tal-finanzi tal-istess kumpanija sa mill-2007. Spjega illi s-socjeta rikorrenti ghamlet diversi negozji mas-socjeta ntimata billi kienet tforniha b' *iron rods* u *mesh* u s-socjeta ntimata qatt ma kienet thallas kontanti izda kienet dejjem tixtri *on credit.* Zied illi mill-kotba tas-socjeta rikorrenti jirrizulta illi s-socjeta ntimata kienet ilha taghmel negozju mas-socjeta rikorrenti mill-ahhar tas-snin disghin izda eventwalment bdiet taqa' lura fil-pagamenti. Qal ukoll illi sa dak iz-zmien qatt ma kienu rcievew xi ilmenti minghand is-socjeta ntimata rigward il-kwalita tal-prodotti forniti lilha.

Xehed illi fl-2009, wara diskussjonijiet mad-dirigenti tas-socjeta ntimata kien gie miftiehem illi jibda jinzamm imghax bir-rata tas-7% fuq il-bilanc pendenti, li l-1 ta' Jannar 2009 kien fl-ammont ta' €102,297.75. **Zied illi sa dan iz-zmien qatt ma kien gie kontestat centezmu minn dan il-bilanc.** Spjega illi L-imghax bir-rata ta' 7% baqa' jigi addebitat sa April 2011 ghaliex fl-istess sena is-socjeta rikorrenti kienet bieghet lis-socjeta ntimata *towercrane* u f'Mejju 2011 kien sar pagament mis-socjeta ntimata ta' €55,000 li kienu gew addebitati kontra l-bilanc tat-*towercrane* li kien jammonta ghal €33,775.91 sabiex jinqata' l-kreditu dovut ghalih. Ir-rimanti somma ta' €21,224.09 kienet giet addebitata kontra l-bilanc pendenti mis-socjeta ntimata ghal merkanzija fornita lilha.

Spjega illi s-socjeta ntimata riedet illi l-ammont shih ta' €55,000 jigi addebitat kontra l-bilanc dovut ghall-merkanzija mixtrija minnha peress illi fuq dan il-bilanc kienet qed thallas l-imghax bis-7% u fuq il-bilanc dovut ghat-*tower crane* ma kienetx qed thallas imghax, izda dan ma giex accettat mis-socjeta rikorrenti u ghalhekk minflok gie

miftiehem illi minn Mejju 'l quddiem ir-rata ta' imghax tkun ta' 6% minflok 7%. Huwa kkonferma wkoll illi l-ammont dovut sa' Ottubru 2013 kien ta' €125,721 u l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn Ottubru 2013 il-quddiem.

Mistoqsi rigward il-hlas tal-*crane* xehed illi l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet kien illi s-socjeta ntimata thallas somma mensili ta' €3,494 (ekwivalenti ghal Lm1,500). Kompla illi Aquilina kien ta lis-socjeta rikorrenti tliet pagament ta' €3,494 f'daqqa fis-16 ta' Ottubru 2007. Qal illi dawn kienu pagamenti specifici li saru kontra d-debitu dovut ghal *crane* u ghalhekk kienu gew allokati ghal dan id-debitu u mhux kontra d-debitu dovut ghall-merkanzija.

**Ri-prodott** a fol 95 – 99 xehed illi **ic-cheque illi s-socjeta rikorrenti kienet inghatat** bhala pagament akkont fis-17 ta' April 2012 mis-socjeta ntimata **ma kienx gie onorat**. Wara li tkellmu ma' Mark Aquilina dan kien tahom zewg pagamenti ta' €1,700 kull wiehed fil-17 ta' Lulju 2012 u l-iehor fit-2 ta' Awissu 2012.

Fir-rigward tal-*crane*, xehed illi s-socjeta ntimata kienet tat lis-socjeta rikorrenti tliet pagament ta' €3,494 akkont tal-prezz, imbaghad kienet hallset ukoll is-somma ta' €55,000 li huwa kien qasamha billi €33,775 kienu marru biex jigi saldat il-bilanc dovut ghal *crane*, u l-bqija gew debitati kontra l-bilanc dovut ghal merkanzija. Qal illi f'dawn is-sebgha snin illi kien ilu ghandhom il-*crane*, is-socjeta ntimata qatt ma semmiet li kien hemm xi parts nieqsin jew li l-*crane* ma kienx mibjugh.

**In kontro-ezami** a fol 102 – 110 u a fol 114 – 117 xehed illi d-dokument a fol 27 – 34 tal-process ma kienx jintbghat lill-klijent izda dak li kien jintbghat kien statement li kien juri *outstanding invoices*, u ghalhekk meta pagament ikun sar kontra *invoice*, din l-*invoice* tinqata' u ma tibqax tidher fuq l-istatement. B'referenza ghall-istess dokument xehed illi dan id-dokument kien jinkludi l-imghax li kien ikun qed jiddekorri izda imbaghad kienu nehhew l-interessi u poggewhom go kont separat. Fir-rigward tas-somma ta' €5,813.79 rapprezentanti spejjez legali, spjega illi s-socjeta rikorrenti diga kienet kostretta ttella lis-socjeta ntimata l-Qorti minhabba ammonti dovuti mhux imhallsa u din is-somma ghalhekk tinkludi l-ispejjez, tal-Qorti u tal-Avukat, li kienu gew inkorsi mis-socjeta rikorrenti.

Ikkonferma illi s-somma ta' €125,720.17 mitluba f'din il-kawza tinkludi l-imghaxijiet kollha dovuti sat-2 ta' Ottubru 2013. Mistoqsi kif qal fl-affidavit tieghu illi fuq il-bilanc dovut ghal *crane* ma kienx hemm interessi, meta mill-ftehim li kien gie ffirmat bejn il-partijiet jirrizulta li kien dovut imghax bit-8%, wiegeb illi l-pagament qatt ma kienu dahlu fil-hin skont il-ftehim izda huma ma kienux zammew interessi fuq dak l-ammont. Xehed ukoll illi fuq il-merkanzija ma kienux gew imposti interessi qabel l-2009, u l-ftehim li jibda jigi impost imghax bir-rata ta' 7% sar verbalment ma' Mark Aquilina. Xehed illi l-kapital dovut huwa fl-ammont ta' €89,249.20, filwaqt illi l-imghax dovut minn Jannar 2009 sa' Ottubru 2013 huwa fl-ammont ta' €30,658.72.

**Mark Aquilina** xehed a fol 47 – 54 illi huwa d-direttur tas-socjeta ntimata u kkonferma illi s-socjeta ntimata kienet xtrat hafna materjal minghand is-socjeta rikorrenti. Kompla illi barra minn hekk, fl-2009 kien sar negozjat bejn is-socjetajiet kontendenti permezz ta' liema is-socjeta ntimata kienet xtrat *towercrane* minghand is-socjeta rikorrenti. Qal illi huma kienu fthemu prezz fuq *crane* shih izda meta kien mar biex jigbor il-*crane* kien irrizulta illi dan il-*crane* kien diga gie zarmat u kien armat biss ghal tletin metru minkejja li kien *crane* ta' sittin metru. Qal illi dan il-*crane* kien zammu fil-yard tieghu pero ma setghax juzah, u ghalih fil-pagamenti akkonti li kien jaghmel kien ihalli barra l-*crane* u kien jaghmilhom biss versu d-debitu dovut ghall-merkanzija. Kompla illi mbaghad irrizulta illi s-socjeta rikorrenti kienet qabdet u addebitat il-hlasijiet illi kienet qed taghmel is-socjeta ntimata kontra d-debitu pendenti fir-rigward tal-*crane*. Mistoqsi sa dik il-guranta kemm jikkalkula illi s-socjeta ntimata ghandha thallas lis-socjeta rikorrenti wiegeb illi jikkalkula illi l-ammont huwa xi mkien qrib €25,000 - €26,000.

B'referenza ghall-istatements li jidhru a fol 27 et seq tal-process xehed illi s-socjeta ntimata qatt ma kienet ircievet statements bhal dawn, izda kienet tircievi biss statement tal-outstanding balance li jkun ghadu dovut lis-socjeta rikorrenti. Mistoqsi jekk kienux irrispondew l-ittri interpellatorji mibighuta mis-socjeta rikorrenti ghall-hlas tas-somma ta' €125,000 wiegeb illi kien kellem verbalment kemm il-darba fuq dan, kemm lil Colin Bowman u kif ukoll lil James Camilleri. Mistoqsi jekk kienux baghtu ilment bil-mitkub rigward it-*tower crane* wiegeb fin-negattiv u kkonferma illi ghalkemm dan it-*tower crane* kien ilu ghandu minn circa s-sena 2007 jew 2008 huwa qatt ma ghamel uzu minnu. Qal pero illi huwa qatt ma talab lis-socjeta rikorrenti biex tmur tiehu lura l-*crane* u lanqas istitwixxa xi proceduri f'dan ir-rigward.

**Ri – prodott** a fol 58 – 69 xehed illi mid-dokumenti li kienet tibghatilhom is-socjeta rikorrenti ma kienux ikunu jistghu isegwu x'pagamenti ghamlu, u dan setghu isegwuh biss mir-record taghhom stess. Qal ukoll illi l-ircevuti li kien qed jesebixxi m'huwiex l-ircevuti kollha li kienu gew irilixxati mis-socjeta rikorrenti favur is-socjeta ntimata u li fil-fatt hemm circa €58,000 – 59,000 li ma jidhrux minn dawn l-ircevuti. B'referenza ghad-dokument datat 17 ta' Mejju 2007 ikkonferma illi l-firma li tidher fuq dan id-dokument kienet tieghu. Ikkonferma wkoll illi l-firma li tidher fuq id-dokument datat 17 ta' Jannar 2008 '*recognition of outstanding balances*' kienet tieghu, izda l-hlasijiet li kienu gew addebitati versu l-bilanc rigwardanti l-power *crane* kienu wara dik id-data.

Mistoqsi rigward ftehim fuq l-imghax wiegeb illi kienu tkellmu u r-rata kienet 5% jew 6% jew 7%. Mistoqsi rigward dak li jintqal fl-affidavit ta' Bowman rigward il-ftehim li kien sar biex titnaqqas ir-rata ta' imghax wiegeb li ma jiftakarx. Imbaghad kompla illi ghalkemm gie fid-dubbju jekk ir-rata ta' imghax kienetx 5% jew 6%, **ikun aktar preciz li jghid li r-rata ta' imghax kienet ta' 6%**. Qal pero illi d-dikussjoni kienet illi r-rata ta' imghax tkun ta' 6% u l-ammont li kien qed jithallas jitnaqqas mill-bilanc dovut ghall-merkanzija. Muri *schedule of payments* immarkat bhala Dok BIS 3 wiegeb illi ma jiftakarx li kien gie muri dan id-dokument.

**In kontro-ezami** a fol 68 u a fol 88 - 92 ikkonferma illi qatt ma sar pagament lis-socjeta ntimata kontra t-*tower crane*. B'referenza ghad-dokument a fol 26 xehed illi jekk mill-ammont ta' kapital mitlub mis-socjeta rikorrenti titnaqqas is-somma ta' €55,000 li hemm il-kontestazzjoni fuq il-*crane*, jigi illi s-socjeta ntimata ghandha taghti lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' €34,000. Kompla illi fil-kotba tieghu huwa ghandu illi s-socjeta ntimata ghandha taghti lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' €30,139 u din id-diskrepanza tista' tkun jew ghax hemm ricevuta nieqsa jew *invoice* nieqsa.

Ikkonferma illi l-ammont ta' €30,139.78 huwa fil-fatt dovut lis-socjeta rikorrenti.

Permezz ta' **affidavit** a fol 139 – 141 ikkonferma dak li xehed Colin Bowman fir-rigward tac-cheque fl-ammont ta' €3,400 li ma kienx gie onorat **u ghalhekk l-ammont li huwa dovut lis-socjeta rikorrenti huwa ta' €33,539.87.**

Xehed izda illi s-somma ta' €10,482 kienet giet allokata mis-socjeta rikorrenti kontra d-debitu dovut ghat-*tower crane* minghajr il-kunsens tas-socjeta ntimata, liema pagament kien sar fis-16 ta' Ottubru 2007. Huwa ikkonferma illi s-socjeta ntimata qatt ma ghamlet xi hlasijiet akkont tal-*crane*, u kull hlas li ghamlet kien dejjem akkont til-bilanc dovut ghal-merkanzija. Spjega li dan huwa ghaliex it-*tower crane* kellhu bicciet nieqsin u sa dik il-gurnata kien ghadu qatt ma ntuza.

Zied li ghalhekk is-somma ta' €10,482 ghandha titnaqqas mis-somma ta' €33,539.87 sabiex finalment **l-ammont verament dovut lis-socjeta rikorrenti huwa dak ta' €23,057.87**.

**Ikkonsidrat;**

L-Artikolu 1168 (1) u (2) tal-Kodici Civili jipprovdu illi:

> *4.* “[i]*d-debitur li jkollu izjed minn dejn wiehed, ghandu jedd jiddikjara, fil-waqt tal-hlas, liema huwa d-dejn li jrid ihallas.*
>
> *5. Izda d-debitur ma jistax, minghajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-hlas ghal dejn mhux maghluq minflok li ghal dejn maghluq, fil-kaz li jkun prezunt li z-zmien tad-dejn mhux maghluq kien gie miftiehem ukoll favur il-kreditur*.”

Izda mbaghad, l-Artikolu 1170 jipprovdi illi:

> “***[i]ekk id-debitur, li jkollu iżjed minn dejn wieħed, jaċċetta riċevuta li biha l-kreditur jimputa espressament il-ħlas għal wieħed minn dawn id-djun, ma jistax jitlob li l-ħlas imur għal dejn ieħor, kemm-il darba ma jkunx hemm egħmil doluż jew sorpriża min-naħa tal-kreditur***.”

Il-Qorti tinnota illi l-ircevuta rrilaxxata mis-socjeta rikorrenti fir-rigward tal-pagament tas-somma ta' €33,775.91, li tinsab ezebita a fol 18 tal-procezz, turi illi l-hlas gie imputatat espressament versu l-bilanc dovut ghat-*tower crane*, tant illi l-ircevuta ezebita

taqra testwalment 'f***or payment of Simma Crane in full***.” Din l-imputazzjoni zgur ma setghatx kienet ta' xi sorpriza ghas-socjeta ntimata, li kienet fil-pussess ta' din l-ircevuta tant illi kienet hija stess li ezebita in atti flimkien mar-risposta guramentata taghha.

Relevanti wkoll il-fatt illi fir-rendikont ezebit mis-socjeta ntimata a fol 87, li juri xi pagament li kienu gew maghmula, is-socjeta ntimata qasmet is-somma ta' €55,000 f'zewg pagamenti, u cioe wiehed ta' €33,775.91 u iehor ta' 21,224.09 li ezattament jirriflettu l-mod kif is-somma ta' €55,000 kienet giet maqsuma biex parti mmur tmur ghas-saldu tal-ammont dovut ghall-*crane*, u l-bqija jmur akkont il-bilanc dovut ghall-merkanzija. Il-Qorti hija tal-opinjoni illi dan jikorrobora l-fatt illi s-socjeta ntimata kienet konsapevoli tal-fatt, u qablet, illi s-somma ta' €55,000 tigi maqsuma bil-mod li fih gie maqsuma.

Fir-rigward tas-somma ta' €10,482 illi s-socjeta ntimata tikkontendi illi s-socjeta rikorrenti addebitat minghajr permess versu l-bilanc dovut ghall-*crane* u mhux ghall-merkanzija kif xtaqet hi, jidher illi hemm konflitt bejn il-verzjoni moghtija mill-partijiet fil-kawza, in kwantu s-socjeta rikorrenti tikkontendi illi s-somma ta' €10,482 tirrifletti tlett pagamenti illi kienu sar mis-socjeta ntimata u li kienu dovuti skont il-ftehim li ntlahaq ghall-bejgh tal-*crane*, permezz ta' liema is-socjeta ntimata ntrabet illi taghmel pagamenti mensili ta' €3,494.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Five Effs Import Co. Limited vs Island Resorts Company Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2010 intqal illi:

> “[p]*rimarjament, skond il-kriterju tad-distribuzzjoni ta’ l-oneru tal-provi jispetta fl-ewwel lok lill-kreditur li jaghti prova ta’ l-ezistenza tal-kreditu azzjonat u, sussegwentement, imiss lid-debitur li jgib prova tal-fatt estintiv ta’ dak il-kreditu jew ta’ xi parti minnu. Ara “Manwel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri”, Prim Awla, Qorti Civili, 27 ta’ Mejju, 1970, per Imhallef M. Caruana Curran.* ***<u>Jikkonsegwi illi meta d-debitur jaghti prova tal-hlas in kwantu esegwit b’riferiment ghall-kreditu specifiku fatturat,</u>*** *jispetta lill-kreditur li jiddemostra l-ezistenza ta’ krediti ohra dwar liema huwa qed jitlob il-*

> *pagament. Similment, jinkombi b'obbligu fuq il-kreditur il-prova ta' imputazzjoni diversa tal-kreditu tieghu minn dik tad-debitur. Tali prova trid tkun dejjem wahda univoka, konklussiva u, fuq kollox, konvincenti."*

Il-Qorti taghraf illi fir-rigward ta' dawn il-pagament is-socjeta ntimata ma ezebiet l-ebda ricevuta u ghalhekk lanqas biss tat prova ta' hlas, u wisq anqas ghalhekk illi l-hlas kien sar precizament ghall-kreditu specifiku. Minn naha l-ohra, m'huwiex kontestat illi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet permezz ta' liema is-socjeta ntimata kienet xtrat *tower crane* u intrabtet b'modalita ta' pagament sakemm jithallas l-ammont shih dovut ghal dan il-bejgh. Ghalhekk, jekk is-somma ta' €10,482 gietx imputata versu l-*crane* kontra r-rieda tas-socjeta ntimata tiddependi fuq ezami tal-kredibilita tal-partijiet.

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:-

> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[1]

---

[1] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 24 ta' Novembru 1966.

Inghad ukoll illi "*fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.*"[2]
F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:-

> *1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
>
> *2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[3]

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant.[4]

Wara li ezaminat l-atti tal-kawza il-Qorti tqis illi s-socjeta ntimata naqset milli tipproduci prova cara u konvincenti tal-imputazzjoni taghha tas-somma ta' €10,482 versu l-bilanc dovut lejn il-merkanzija. **Dan tant illi s-socjeta ntimata lanqas biss tat prova tal-hlas ta' dan l-ammont, li la jirrizulta mir-ricevuti ezebiti minnha (u dan nonostante illi mid-dokument a fol 113 jidher illi s-socjeta rikorrenti kienet irilaxxat ricevuta ghall-hlas maghmul mis-socjeta ntimata li ggib in-numru 1498), u lanqas mir-rendikont ezebit a fol 87 minn Mark Aquilina,** u ghalhekk inqas u inqas ma jista' jinghad illi s-socjeta ntimata tat prova konvincenti tal-imputazzjoni specifika ta' dan l-ammont. Il-Qorti tqis illi hija s-socjeta rikorrenti illi pprezentat il-Qorti bil-verzjoni veritiera, specjalment ukoll tenut tal-fatt **illi is-somma ta' €10,482 tigi ezatt l-ammont li suppost kellu jkun mis-socjeta ntimata bhala l-hlas mensili ghall-tliet xhur skont il-ftehim li ntlahaq bejniethom.**

---

2 J**oseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) deciza 25 ta' Gunju 1980.

3 M**aria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza 24 ta' Marzu 2004.

4 **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza 19 ta' Mejju 2015.

Il-Qorti ssibha difficli wkoll temmen il-verzjoni tas-socjeta ntimata illi hija kienet qed tirrifjuta li thallas l-ammont dovut fuq il-*crane* ghaliex dan kellu xi partijiet nieqsin. Huwa pjuttost stramb illi ghalkemm, skont is-socjeta ntimata, dan il-*crane* ma setghax u filfatt qatt ma ntuza, hija m'ghamlet l-ebda ilment rigward dan lis-socjeta rikorrenti u bl-ebda mod ma pprovat timpunja l-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Huwa daqstant iehor difficli li wiehed jemmen li s-socjeta ntimata kienet kuntenta tibqa' marbuta bi ftehim permezz ta' liema kellha thallas is-somma ta' €44,258 (inkluz imghax bir-rata ta' 8%) meta l-*crane* ma setghax jintuza minnha minhabba dawn il-partijiet nieqsin. Jimmilita kontra il-veru similjanza il-fatt illi s-socjeta ntimata qatt ma ilmentat illi s-socjeta rikorrenti kienet harget ricevuta ghall-hlas ta' €33775.91 versu l-bilanc dovut fuq il-*crane*, ghaliex jekk verament ma kienetx qed taqbel ma' din l-imputazzjoni minhabba in-nuqqasijiet fil-*crane*, wiehed ragonevolment jassumi li kienet tiehu passi kontra din l-imputazzjoni.

Tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti tqis illi l-kapital dovut reklament mis-socjeta rikorrenti fis-somma ta' €89,249.20 hija dovuta mis-socjeta ntimata.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata tikkontendi wkoll illi s-somma ta' €30,658.72 rapprezentanti imghaxijiet dekorsi minn Jannar 2009 sa Ottubru 2013 m'humiex dovuti stante illi l-ewwel nett ma kienx hemm ftehim li kellhom jithallsu l-imghaxijiet, u t-tieni nett stante illi s-socjeta rikorrenti qed tippretendi hlas doppju tal-imghax.

Fir-rigward tat-talba doppja ghall-imghax, jirrizulta illi din l-eccezzjoni giet ezawrita peress illi s-socjeta rikorrenti ivverbalizzat fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2015 (fol 111) illi l-imghaxijiet li qed jintalbu minn din il-Qorti ghandhom jibdew jiddekorru minn Ottubru 2013 il-quddiem u mhux minn Jannar 2009 kif indikat fir-rikors promotur.

Il-Qorti rat l-ewwel subinciz tal-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili illi jipprovdi li:

> "[j]*ekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso*

> *jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in- nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*"

Ghalhekk huwa car illi galadarba n-natura tan-negozju bejn il-partijiet kienet ta' xorta kummercjali, ma kien hemm bzonn ta' l-ebda ftehim bejn il-partijiet sabiex jidekkorri l-imghax fuq il-bilanc dovut mis-socjeta ntimata. Il-fatt illi s-socjeta rikorrenti kienet iddecidiet illi ma zzommx imghax sal-2009, u l-fatt illi mbaghad kienet qed izzomm imghax l-ewwel bir-rata ta' 7% imbaghad ta' 6% kien biss decizjoni fid-diskrezzjoni tas-socjeta rikorrenti, illi evedentement kienet turija ta certu buonavolonta lejn is-socjeta ntimata. Il-Qorti tqis illi s-socjeta rikorrenti ma kinitx tenuta li turi xi prova dokumentarja tal-ftehim fuq l-imghax bir-rata ta' 7% jew 6%, ghaliex bil-ligi is-socjeta rikorrenti ghandha dritt li tiehu imghax bir-rata ta' 8% fuq il-bilanc mhux imhallas minn dak in-nhar li l-hlas kellhu jigi effetwat mis-socjeta ntimata. Li kieku din il-Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata fir-rigward tal-imghaxijiet, tkun kostretta mbaghad, ai termini tal-ligi, illi tordna lis-socjeta ntimata thallas imghax bir-rata ta' 8% dekorribli mill-gurnata ta' meta kellhu jsir il-hlas dovut. Ghalhekk fl-ahhar mill-ahhar huwa fl-interess tas-socjeta ntimata li l-imghaxijiet mill-2009 sa' Ottubru 2013 jithallsu bil-mod stipulat mis-socjeta rikorrenti, u mhux bir-rata iktar oneruza imposta mill-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi s-somma ta' €30,658.72 rapprezentanti imghaxijiet dovuti ghall-perjodu bejn Jannar 2009 u Ottubru 2013 huwa dovuti mis-socjeta ntimata.

**Ikkonsidrat;**

Finalment, tibqa' s-somma ta' €5,813.79 li s-socjeta rikorrenti spjegat illi dawn huma dovuti bhala spejjez legali inkorsi mis-socjeta rikorrenti.

F'dan il-kaz, il-Qorti taqbel mas-socjeta ntimata illi l-Qorti ma tistax tordna l-hlas ta' din is-somma fil-kawza odjerna, peress illi mir-rikors guramentat jidher car illi din l-azzjoni kienet mahsub mis-socjeta rikorrenti ghall-hlas tal-merkanzija mibjugha, u fl-ebda hin fir-rikors guramentat ma jissemma li hemm xi ammont dovut bhala spejjez legali inkorsi mis-socjeta rikorrenti fil kors tal-proceduri legali ohra li kienu ittiehdu kontra s-socjeta ntimata.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi s-somma ta' €5,813.79 ma tistax tkun parti mill-ammont reklamat f'dawn il-proceduri u ghandha titnaqqas mill-ammont globali reklamat.

**Mehud in konsiderazzjoni dan kollhu ghalhekk, is-somma dovuta mis-socjeta ntimata lis-socjeta rikorrenti hija ta' €119,907.92.**

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata qed tikkontendi wkoll illi l-imghax fuq is-somma dovuta lis-socjeta rikorrenti ghandu jkun dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza stante ir-riduzzjoni fis-sorte.

F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq materja simili inghad illi l-fatt li l-attur jinterpella lill-konvenut gudizzjarjament ghal hlas ta' somma determinata u specifikat:

> "*jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O'Connor – vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora*."[5]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Turner et vs Francis Agius et noe** deciza fit-28 ta' Ottubru 2003 il-Qorti tal-Appell kienet ukoll hadet in konsiderazzjoni l-fatt jekk l-intimati kienu iddepozitaw taht l-Awtorita tal-Qorti l-ammont tal-pretensjoni tar-rikorrenti li mieghu kienu qed jaqblu biex jezimu ruhhom mill-konsegwenzi legali, meta kienet qed tiddetermina minn meta ghandhom jiddekorru l-imghaxijiet. F'dan il-kaz, ghalkemm is-socjeta ntimata qablet li kien hemm ammont li verament kien dovut lis-socjeta rikorrenti, ma ghamlet l-ebda depozitu ta' dan l-ammont taht l-Awtorita tal-Qorti.

[5] **Fogg Insurance Angies Limited noe vs Paul Tabone,** Qorti tal-Appell Civili deciz 17 ta' Frar 2003.

Dan kollu apparti l-fatt illi l-obbligazzjoni in kwistjoni f'din il-kawza hija ta' natura kummercjali u ghalhekk l-imghax huwa dekoribbli ipso jure mid-data ta' meta kellha titwettaq l-obligazzjoni.

Fid-dawl ta' dan, il-pretensjoni tas-socjeta ntimata illi l-imghaxijiet ghandhom ikunu dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza hija nfondata.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' in parte it-tielet u il-hames eccezzjoni tas-socjeta ntimata, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet kollha, u tichad it-tielet talba tas-socjeta rikorrenti, tilqa' l-ewwel talba in parte billi tiddikjara illi s-socjeta ntimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' **mija u dsatax -il elf, disa' mija u sebgha Ewro u tnejn u disghin centemzu (€119,907.92)**, bl-imghax legali dekoribbli mit-3 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas is-somma ta' **mija u dsatax -il elf, disa' mija u sebgha Ewro u tnejn u disghin centemzu (€119,907.92), bl-imghax legali dekoribbli mit-3 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta ntimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**